MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 254/2012

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Mallia Joseph**
**I.D.704044M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Marzu, 2012 fejn is-socjeta’ attrici qeghda titlob illi l-konvenut, ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija sitta u hamsin ewro u sebghin centezmu (€556.70) skont l-anness prospett market Dok ‘A’, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, telefon u internet numru tal-kont *A/C*

*40103703*, moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe’ mit-13 ta’ Marzu, 2010 kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija sitta u hamsin ewro u sebghin centezmu (€556.70) bl-imghax legali mill-ahhar pagament u cioe’ mit-13 ta’ Marzu, 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------